# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum il-31 ta' Mejju, 2016.**

**Rikors Numru 335/2016 SM**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru**
**numru 562/16 mahrug fl-14 t'April,**
**2016, fl-ismijiet:**

**John (I.D. 598257 (M) u Agnes (I.D. 220160M)**
**konjugi Borg**

**vs.**

***Welcome Auto Dealer Limited***
**(C – 64346)**

**u**

**Clint La Rosa (I.D. 538587 (M))**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors datat it-18 t'April, 2016, li permezz tieghu r-rikorrenti, (fl-okkju indikata bhala l-intimati), ssottolinejaw separatament is-segwenti:

1.1. Re s-socjeta` ***Welcome Auto Dealer Limited***:

1.1.1. Illi fuq talba tal-intimati odjerni s-socjeta` rikorrenti odjerna giet kolpita bil-mandat ta' sekwestru *de quo*;

1.1.2. Illi sussegwentement kienet intavolata ukoll kawza hemm indikata, (ara foll 1);

1.1.3. Illi l-kawza tirrigwarda l-bejgh tal-vettura hemm ukoll indikata, (ara foll 1);

1.1.4. Illi s-socjeta` hawn rikorrenti m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mal-intimati odjerni l-konjugi Borg;

1.1.5. Illi l-istess socjeta` qatt ma kkonkludiet kuntratt mal-imsemmija konjugi Borg;

1.1.6. Illi ghalhekk m'hemmx ragunijiet ghaliex il-mandat surriferit ghandu jibqa` *in vigore* kontra l-istess socjeta`;

1.1.7. Illi fis-7 t'April, 2016, giet intavolata kawza fl-ismijiet **Clint La Rosa vs. John Borg, Numru 125/16/AM quddiem it-Tribunal ghal Talbiet zghar**;

1.2. **Re Clint La Rosa:**

1.2.1. Illi f'Jannar, 2016, ir-rikorrenti odjern La Rosa ttrasferixxa l-vettura in dizamina lill-intimat odjern Borg;

1.2.2. Illi sallum l-istess vettura ghada fil-pussess tal-intimat *de quo*;

1.2.3. Illi s-socjeta` rikorrenti odjerna fuq indikata hi estranea ghall-istess kuntratt ta' bejgh, (ara foll 3);

1.2.4. Illi ghalhekk, l-ammont li l-intimat Borg irid jikkawtela bil-mandat tieghu fuq riferit hu diga` fil-pussess tieghu;

1.3. Illi in vista tal-premess aderew din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.3.1. Tiddikjara li mhux ragonevoli ghalhekk li jinzamm fis-sehh il-mandat in dizamina fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti oderjna;

1.3.2. Tiddikjara wkoll li mhux ragonevoli ghalhekk li l-istess mandat jibqa` fis-sehh fil-konfront tar-rikorrenti odjern La Rosa;

1.3.3. Tordna ghalhekk li l-mandat *de quo* jigi revokat fil-konfront tar-rikorrenti odjerni jew min minnhom;

2.0. Rat ir-risposta tal-intimati odjerni datata l-5 ta' Mejju, 2016, li sintetikament esponew is-segwenti:

2.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti;

2.2. Illi s-sottomissjonijiet tar-rikorrenti huma infondati;

2.3. Illi l-intimat kien ftiehem mar-rikorrenti La Rosa biex dan tal-ahhar igiblu l-vettura in dizamina mill-Amerka;

2.4. Illi rrizulta li meta l-istess rikorrenti mar l-Amerka ghall-istess vettura sab li kienet mibjugha;

2.5. Illi ghalhekk l-istess La Rosa ghazel vettura ohra in sostituzzjoni;

2.6. Illi meta din il-vettura waslet Malta instab li kellha diversi difetti;

2.7. Illi konsegwentement, din il-vettura ma kienitx tiswa l-valur pattwit;

2.8. Illi ghalhekk l-intimat iddepozita lill-istess vettura l-qorti u pproceda ghar-rexissjoni tal-kuntratt ta' bejgh u restituzzjoni tas-somma minnu mhallsa, (ara foll 11);

2.9. Illi ghalkemm in-negozjati verbali saru mar-rikorrenti La Rosa, il-kuntratt ta' bejgh sar mas-socjeta` *Welcome Auto Dealer Limited*;

2.10. Illi fl-istess kuntratt ir-rikorrenti La Rosa ma jissemma mkien hlief li hemm il-firma tieghu fuq l-istess, (ara foll 3);

2.11. Illi l-kuntratt in dizamina sar fuq karta intestata bl-isem tas-socjeta` rikorrenti odjerna;

2.12. Illi konsegwentement il-kawza in dizamina kellha ssir fil-konfront taz-zewg rikorrenti odjerni, (ara foll 1);

2.13. Illi *stante* li rikors ghal revoka ta' mandat hu kwistjoni li tigi ezaminata *prima facie* din zgur mhix kwistjoni li tista` tigi deciza fl-atti odjerni;

2.14. Illi in sostenn tal-istess jirreferi ghas-sentenza ta' din il-qorti diversament preseduta fl-ismijiet ***Associated Supplies Limited vs. Joseph Mizzi*** deciza fis-**6 ta' Frar, 2013**, (ara foll 11);

2.15. Illi kemm il-darba l-qorti odjerna tiddeciedi r-relazzjoni guridika f'dan l-istadju hi tkun qed tidhol fil-mertu tal-kawza, u allura tkun qed tmur oltre l-limiti statutorjament imposti fir-rigward;

2.16. Illi *di piu`*, l-intimati mhumiex fil-pussess tal-vettura in kwistjoni *stante* li din tinsab depozitata taht l-awtorita` tal-qorti;

3. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet fir-rigward;

4. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

5.0. Illi r-rizultanzi in dizamina jistghu jigu elenkati sintetikament bil-mod segwenti:

5.1. Illi l-bazi li fuqha s-socjeta` rikorrenti odjerna qed issejjes is-sejha taghha ghal hrug tal-kontro-mandat in dizamina hi l-allegazzjoni taghha li ma kellha l-ebda relazzjoni guridika mal-intimati Borg *stante* li qatt ma dahlet f'relazzjoni kontrattwali maghhom;

5.2. Illi *di piu`*, ir-rikorrenti La Rosa jsostni li f'Jannar, 2016, hu kien gia` ttrasferixxa l-vettura in dizamina lill-intimati Borg u ghalhekk, l-ammont li l-istess intimati qeghdin jikkawtelaw permezz tal-mandat in dizamina gia` jinsab fil-pussess taghhom;

Ikkunsidrat:

6. Illi l-intimati odjerni jsostnu li l-ftehim *de quo* kien konkluz mar-rikorrenti La Rosa fuq ittra intestata tas-socjeta` rikorrenti;

7. Illi l-istess ftehim kien gie konkluz fuq vettura partikolari;

8. Illi pero`, *stante* li meta La Rosa mar ghaliha l-Amerka u sab li kienet mibjugha, minn jeddu ghazel vettura ohra li meta ingiebet Malta instab li kellha diversi difetti;

9. Illi konsegwentement, il-vettura migjuba ma kienitx ekwivalenti ghall-valur tal-prezz pattwit;

10. Illi rizultat tal-istess l-intimati ddepozitaw il-vettura *de quo* il-qorti u intavolaw kawza ghar-rexissjoni tal-kuntratt *de quo* u ghar-restituzzjoni tas-somma mhallsa u danni subiti, liema pretensjonijiet l-intimati qed jikkawtelaw bil-mandat ta' sekwestru in dizamina;

Ikkunsidrat:

11. Illi jinghad *ad limine* li l-pretensjonijiet tal-intimati odjerni huma tali li jridu jigu determinati biss fil-kawza fuq il-mertu u mhux fuq ezami preliminari u *prima facie* kif ir-rikorrenti qeghdin jippretendu bil-prosekuzzjoni tal-procedura odjerna;

12. Illi kif ritenut **f'Camilleri vs. Gove` et.** deciza mill-**Prim' Awla fl-10 ta' Mejju, 2001**:

> "...mid-disposizzjoni tal-istess artiklu 836 jidher li l-uniku ezami li trid taghmel il-qorti huwa biss dak ta' *prima facie* u dan ghaliex il-mertu kollu jigi investigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjonijiet sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-qorti f'dan l-istadju u dan, tneut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja";

13. Illi *di piu`*, ikun x'ikun l-ezitu ta' tali ezami *in prima facie*, dan bl-ebda mod ma jincidi fuq l-ezitu tal-kawza dwar il-mertu;

Ikkunsidrat:

14. Illi rigward il-lanjanza intavolata mis-socjeta` rikorrenti jirrizulta li effettivament l-istess socjeta` tirrizulta partecipi fl-istess tramite l-intestatura kopjozament indikata fuq id-dokument li fuqha gie ffirmat il-kuntratt in dizamina, (ara foll 3);

15. Illi *di piu`*, jirrizulta pacifiku fil-kamp in dizamina li persuna li ghandha dritt li tikkawtela l-interessi taghha tista` dejjem taghmel dan sakemm jigi epurat u deciz il-mertu proprju li jkun qed jigi hekk analizzat fi procedura appozita bejn il-partijiet;

16. Illi rigward il-garanzija riferita mir-rikorrenti La Rosa jinghad li mill-atti in dizamina, *stante* li l-vettura *de quo* prezentement tirrizulta li hi taht l-awtorita` tal-qorti, l-intimati allura ma jirrizultax li huma debitament kawtelati fir-rigward;

17. Illi in vista tal-premess jirrizulta assodat li l-mandat ta' sekwestru in dizamina jimmerita li jibqa` in vigore, *stante* li r-

rikorrenti ma rnexxilomx jipprovaw il-lanjanzi, tal-anqas fl-istat ta' *prima facie* kif minnhom sollevati;

18.0. Illi konsegwentement, in vista tal-premess, din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti odjerni ma pprovawx it-talbiet taghhom fil-livell ta' *prima facie* rikjest mill-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

18.1. Takkolji r-risposta tal-intimati odjerni;

18.2. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

18.3. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-istess rikorrenti.

__________________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**